**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 t'Ottubru, 2015**

**Rikors Nru: 357/2014 MLF**

**Spinola Development Company Limited**
**vs**
**Irina Sedova**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' erba' t'elef seba' mija u tnejn u sittin Euro u disgha u disghin cent (€4,762.99), kwantu ghas-somma ta' elf, erba' mija u sebgha u sebghin Euro u tnejn u erbghin cent (€1,477.42) rapprezentanti prezz ta' elettriku relattiv ghal Apartment 2372, Portomaso Complex, San Giljan ghal perjodu ta' bejn Marzu tas-sena 2013 u Dicembru 2013 skond ma jirrizulta mill-anness prospett immarkat bhala Dokument 'A'; kwantu ghas-somma ta' seba' mija u wiehed u tletin Euro u tlieta u tmenin cent (€731.83) rapprezentanti prezz ta' elettriku relattiv ghal Aparment 2372, Portomaso Complex, San Giljan ghal perjodu ta' bejn Jannar tas-sena 2014 u Marzu 2014 skond ma jirrizulta mill-anness prospett immarkat bhala Dokument 'B'; kwantu ghas-somma ta' elfejn, tlett mija u tnejn u erbghin Euro u tnejn u sittin cent (€2,342.62) rapprezentanti prezz ta' common costs, assigurazzjoni, service charge u budgeted common costs ghal Apartment 2372, Portomaso Complex, San Giljan ghas-sena 2014 skond ma jirrizulta mill-anness prospett immarkat bhala Dokument 'C'; u kwantu ghas-

somma ta' mitejn u hdax-il Euro u tnax-il cent (€211.12) rapprezentanti prezz ta' car park fees ghall-car spaces bin-numru 3491 u 3492 ghar-rigward tas-snin 2013 u 2014 skond ma jirrizulta mill-annessi prospetti mmarkati bhala Dokument 'D', liema somma komplessiva hija baqghet ma hallsitx nonostante diversi interpellazzjonijiet li sarulha, u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-sommom precitati indikati fil-fuq imsemmija prospetti (Dokumenti "A", "B", "C" u "D") mid-dati tar-rispettivi fatturi sal-hlas effettiv.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx ghas-seduta tal-21 t'Ottubru, 2015 u lanqas ipprezentat risposta.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-28 t'Ottubru, 2015, il-konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' erba' t'elef seba' mija u tnejn u sittin Euro u disgha u disghin cent (€4,762.99), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-dati tar-rispettivi fatturi annessi mar-rikors promotur sal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**